MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1391/2003

Kawza fil-lista: 38

**A B**
**vs**
**C D gja B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-attur u l-konvenuta huma mizzewgin u legalment separati ai termini ta’ kuntratt redatt minn Nutara Vanessa Pool fil-hdax (11) ta’ Dicembru 2001 (Dok. A);

Peress illi miz-zwieg tal-konvenuta mal-attur twieldu zewgt itfal li jisimhom F u E li ghadhom minuri peress illi ghandhom seba’ (7) u hdax (11)-il sena rispettivament;

Peress illi skond il-klawzola tmienja (8) tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni, il-kura u l-kustodja tal-minuri E u F tinsab fdata f’ idejn l-attrici [recte: il-konvenuta] bi dritt ta’ access lill-konvenut [recte: attur] kull nhar ta’ Erbgha bejn l-4.00pm u s-7.00pm u kull nhar ta’ Sibt mill-11.00am sal-5.00pm ta’ l-ghada l-Hadd u bi dritt ta’ manteniment mill-attur versu t-tfal minuri ta’ mitejn u disghin Liri Maltin (Lm290);

Peress illi l-attur obbliga ruhu fuq klawsola 10 tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni biex ihallas kwalunkwe spejjez relatati mal-edukazzjoni li jirrigwardjaw it-tfal u nofs l-ispejjez medici u dan kif fil-fatt hekk qed jaghmel;

Peress illi s-sitwazzjoni finanzjarja tal-attur iggravat drastikament billi huwa jahdem bhala ‘self-employed marine engineer’ u dan l-ahhar is-sengha tieghu ma kienetx qed tirrendi kif kienet qabel u ghalhekk ma jistax jobbliga ruhu li jaghti il-manteniment kollu lill-konvenuta u fl-istess hin imantni lilu nnifsu minghajr l-ghajnuna tal-genituri tieghu;

U peress illi l-istess attur sabiex ipatti ghal din il-mankanza qieghed jiehu t-tfal minuri kwazi erba’ (4) darbiet f’ gimgha bil-pjena konoxxjenza tal-konvenuta;

U peress illi fil-klawsola 38 tal-imsemmi kuntratt gie miftiehem illi d-dar matrimonjali li bhalissa qed tirrisjedi fiha l-konvenuta tinbiegh ghall-ammont ta’ mhux anqas minn mija u tletin elf Liri Maltin (Lm130,000) u jekk fi zmien sitt xhur mid-data tal-kuntratt ta’ separazzjoni, din ma tinbieghx, ftiehmu li jaccettaw offerta ta’ aktar minn mija u ghaxart elef Liri Maltin (Lm110,000);

U peress illi d-dar matrimonjali ilha ghal dawn l-ahhar sentejn ghal bejgh u sa issa ghadu ma hemmx offerta fuqha.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur ma huwiex qieghed f’ posizzjoni finanzjarja li jaghti l-manteniment kollu dovut lill-mara tieghu l-konvenuta ghat-tfal minuri taghhom;

2. Tiffissa retta alimentari li tirrispekkja l-posizzjoni finanzjarja l-gdida tal-attur;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dar matrimonjali tista’ tinbiegh ghal valura ta’ anqas minn mija u ghaxart elef Liri Maltin (Lm110,000);

4. Tinnomina Nutar biex jippubblika l-att ta’ varjazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi kif jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti in virtu tat-talbiet precedenti, u tinnomina kuraturi biex jidhru fuq dan l-att minflok il-konvenuta jekk din tkun assenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta biex tixhed ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi preliminarjament huwa risaput illi pacta sunt servanda b’ mod illi ma huwiex apert lill-attur li jipprova jirrivedi stipulazzjonijiet kontrattwali minnu assunti u liberalment accettati hlief f’ kaz illi tali varjazzjoni huwa kontemplat fil-kuntratt ta’ separazzjoni. Il-kuntratt ta’ separazzjoni pubblikat bejn il-kontendenti ma jikkontemplax id-dritt ta’ revizjoni tal-manteniment;

2. Illi s-sitwazzjoni finanzjarja ta’ l-attur kif allegata minnu, hija kkontestata mill-eccipjenti ghar-ragunijiet li ghandhom jirrizultaw fil-kors tas-smiegh tal-kawza odjerna;

3. Illi dwar it-tielet talba ta’ l-attur, il-valur tal-proprjeta dejjem toghla u mhux tonqos u ghaldaqstant, ma huwiex fl-interess tal-konvenuta u l-anqas fl-interess tat-tfal minuri

li d-dar matrimonjali tinbiegh ghal valur ta' inqas minn mija u ghaxar t' elef liri Maltin (Lm110,000);

4. Illi ghalhekk it-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat in-nota prezentata mill-attur fl-10 ta' Ottubru 2006 li biha ceda t-tielet talba tieghu;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi bl-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tawtorizza varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, maghmul bejnu u bejn martu, ippubblikat fil-11 ta' Dicembru 2002 fl-atti tan-Nutar Dottoressa Vanessa Pool, u senjatament il-klawsola numru disa' [9] li titrattata dwar ir-retta alimentarja mifthema bejn il-partijiet pagabbli lill-attrici bhala manteniment ghaz-zewg uliedhom minuri.

Din il-klawsola kuntrattwali testwalment taqra hekk: "ir-ragel qed jobbliga ruhhu a favur il-mara, li taccetta, illi jhallas favur il-minuri E u F, ahwa B, l-ammont ta' mitejn u disghin lira maltin [LM290] fix-xahar, fl-ewwel jum ta' kull xahar, bhala manteniment. Dan l-ammont jinqasam ugwalment bejn it-tfal u jibqa' jthallas sakemm it-tfal jibdew jahdmu jew ikollhom tmientax [18] il-sena, skond liema cirkustanza tivverifika ruhha l-ewwel."

Illi l-pretensjoni attrici hija fis-sens li sussegwenti ghall-iffirmat tal-kuntratt "is-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-attur aggravat drastikament billi huwa jahdem bhala self employed marine engineer .." bir-rizultat li mhuwiex fil-posizzjoni li jkompli jhallas l-imsemmija retta alimentarja f'

[1] Fol.156

dak l-ammont, cioe' Lm290 kull xahar. Inoltre, isostni wkoll li huwa ffirma l-kuntratt tas-separazzjoni that minacci da parti tal-konvenuta li taghmel rapport lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar il-qliegh tieghu.

Il-konvenuta minn naha taghha ssostni li [1] Pacta sunt servanda; [2] il-kuntratt tas-separazzjoni ma jikkontemplax ir-revizjoni ta' l-obbligu tal-manteniment; u [3] mhuwiex minnu li l-attur mhux fil-posizzjoni finanzjarja li jhallas quantum tal-manteniment mifthiem.

Fi ftit kliem, filwaqt li l-attur qed jittanta jiggranfa mal-principju nemo impossibilia tenetur, biex jitnaqqaslu l-quantum tar-retta alimentarja pattwita, il-konvenuta qed zzomm ferm mal-principju pacta sunt servanda.

Il-posizzjoni legali kif abbraccjata mill-gurisprudenza interpretattiva hija li "fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' *pacta sunt servanda*. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw prosizzjoni rigida, anzi wahda nflessibbli, meta gew rinfaccjati b' talbiet ghar-revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew mifthema bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-ncessita' lii fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi that certu cirkostanzi li gew kwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' ta' l-attur[2] li gabuh fl-impossibilita' li jhallas ir-retta alimentari, allura f' kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni…. [omissis] …. [f' kaz ta' manteniment pattwit] wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn." *[App. Alfred D vs Pauline D deciza 16 .04.2004]*

Fil-kaz in disamina l-Qorti ma tirravvizax cirkostanzi gravi, eccezzjonali u indipendenti mill-volonta' ta' l-attur li jammettu ghall-varjazzjoni tal-klawsola precitata,

[2] Emfasi tal-Qorti

Din il-konkluzjoni hija bazata fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

[1] Illi fl-affidavit tieghu l-attur jghid li "Wiehed irid jiftakar li x-xoghol tieghi kien dejjem erratiku, stagunali, u totalment jiddependi fuq l-ghazla tal-klijenti, li jibdluk jew jabbanudnawk ghal kull haga ta' xejn.."[3] Jekk dan huwa minnu, allura l-attur seta' facilment jipprevedi, jew ragjonevolment messu ppreveda l-kontingenza ta' nuqqas ta' xoghol u introitu mix-xoghol li kien qed jaghmel, u allura kien fl-interess tieghu li fil-ftehim jaghmel riserva ghal tali kontingenza; haga li m' ghamilx, u ghalhekk imputet sibi. I l-fatt li fil-kuntratt ma hemmx tali riserva jaghmel il-posizzjoni ta' l-attur aktar difficli biex jipprova jvarjah minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra.

[2] Illi huwa jsostni li kien iffirma l-kuntratt ta' separazzjoni " B' nuqqas ta' ghaqal u minghajr l-ebda hsieb tal-konsegwenzi u minhabba ragunijiet ohra … [omissis] …. Dak iz-mien meta ffirmajt il-kuntratt kont fi stat mentali hazin hafna.."[4] Ghalkemm il-Qorti ghandha r-riservi taghha dwar din l-asserzjoni, tenut kont li mhux talli l-attur ma ffirmatx minghajr "ebda hsieb tal-konsegwenzi" izda talli sahansitra kien assistit minn Avukat sabiex jissalvagwara l-interessi tieghu ahjar. Jekk minn naha l-ohra huwa hass li kien fi stat mentali hazin biex jiffirma l-kuntratt, allura messu ma ffirmax qabel ma kien fl-istat mentali addattat;

[3] Illi l-attur iressaq ukoll bhala "raguni ohra valida" biex tigi milqugha t-talba tieghu ghall-varjazzjoni tal-kuntratt, li huwa ghamell kalkolu hazin dwar id-dhul finanzjarju annwali veru tal-business. Apparti mill-konsiderazzjoni li l-attur qabel ma ffirma l-kuntratt seta' ha parir professjonali anke minn komputista, din il-Qorti difficli taccetta bhala veritiera din l-asserzjoni tieghu, tenut kont tal-fatt li huwa kien assistit minn Avukat matul "it-trattattivi twal" li wasslu ghas-separazzjoni bonarja, u jidher ukoll li dana kien iqabbad komputista biex johodlu hsieb l-aspett finanzjarju

---

[3] Fol.82
[4] Fol.83

tan-negozju tieghu, multo magis fiz-zmien meta kien jinnegozju that tradename Marine Services. Di fatti fl-affidavit tieghu l-komputista Ian Schembri jghid li hu kien jiehu hsieb il-finanzi ta' l-attur mis-sena 2000, u cioe' minn qabel ma gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni.

In propositu hija opportuna l-kunsiderazzjoni li f' dan il-kaz, ghal kuntrarju ta' dak li solitament jigi miftiehem f' kuntratti ta' separazzjoni, ma hemm ebda riserva ghall-awment bazat fuq l-gholi tal-hajja; bir-rizultat li l-quantum tal-manteniment fissat fid-data tal-kuntratt dejjem ser jibqa' l-istess sakemm it-tfal tal-koppja jghalqu t-tmientax il-sena, li f' dan il-kaz hemm certu tul ta' zmien. Dan ifisser li, nonostante l-fattur ekonomiku cert li l-valur tal-flus qed dejjem jonqos maz-zmien, u nonostante li l-ispejjez tat-trobbija ta' l-ulied dejjem jgholew, kif jgholew ukoll l-esigenzi ta' l-ulied izjed ma jikbru, ir-rata tal-manteniment tibqa' dejjem l-istess. In-nuqqas ta' tali riserva, li certament tiffavorixxi bil-bosta lill-attur mill-aspett finanzjarju, tkompli timmilita kontra t-tesi tieghu li meta ffirma huwa ma kellu "l-ebda hsieb tal-konsegwenzi" u ta' l-impressjoni li ried jghati li huwa ffirmat taht il-minacci tal-mara tieghu.

[4] Illi l-attur jallega wkoll li l-kondizzjonijiet kienu gew imposti fuqu minn martu that il-minaccja li din tirrapportah lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. In propositu l-Qorti tirrileva, li apparti mill-fatt li l-kuntratt ma jirrizultax li gie impunjat, u li allura ghadu validu skond il-ligi, u konsegwentement ghadu fis-sehh; il-minaccja allegata minnu ma setghetx kienet wahda reali jew ta' tal-gravita' li gieghlitu jiffirma kontra l-volonta' tieghu, ghax kif sostnut minnu huwa fir-return tat-Taxxa kien jiddikjara l-qligh kollu tieghu, anzi " xi kultant iddikjarajt affarijiet illi ma thallastx peress li kienu hargu invoice"[5], u allura jekk kien daqshekk premurus fil-mili tal-karta tat-taxxa tieghu, certament ma kellux minn xhiex jibza jew ihossu serjament mincaccjat.

[5] Fol.103

Inoltre, kif jstqarr l-istess attur l-kuntratt ta' separazzjoni gie ffirmat wara "trattattivi twal", u li fil-bidu l-mara kienet ghamlet pretensjoni ta' manteniment ta' Lm800 fix-xahar, li pero' gie ridott ghal Lm290 tix-xahar. Dan il-fattur mistqarr mill-istess attur, jimmilita kontra l-impressjoni li pprova jghati l-attur li huwa kien fi stat mentali hazin hafna meta ffirma l-kuntratt u ma hasibx fuq il-konsegwenzi ta' dak li kien qed jiffirma ghalih; timmilita wkoll kontra l-allegazzjoni tieghu li huwa ffirma ghax kien mahkum minn biza' ta' minacci da parti ta' martu.

[5] Illi rigward l-allegazzjoni principali ta' l-attur, li tifforma s-substratt tal-pretensjoni tieghu, u li hi fis-sens li, tenut kont taz-zieda fil-kompetitivita' fil-kamp li kien jahdem fih, marbut mal-fatt li l-agenzji kienu qed jimpjegaw marine engineers full time maghhom biex jaghmlu x-xoghol li fil-passat kien jigi mghoddi lilu bhala sub contractor, il-Qorti tosserva li, anke jekk dan huwa minnu, u anke jekk huwa veru li l-qligh tieghu minn dan ix-xoghol naqas, huwa xorta wahda ghandu, bhala engineer il-potenzjal li jdahhal introitu adegwat sabiex jissodisfa l-obbligu kuntrattwali minnu volontarjament assunt. Wara kollox, kif mistqarr minnu stess kien hemm zmien meta kien jahdem sieghat twal biex ilahhaq ma' l-ispejjez tar-razzett li l-konjugi kienu xtraw. Huwa jsemmi li kien jahdem ukoll bhala technician ma' kumpanija lokali. Hu stess jghid li meta kien qed isir xoghol ta' kostruzzjoni fir-razzett huwa ma qabbadx haddiema "ghax ninqala' ghal kollox."[6]

Il-Qorti ssibha difficli biex taccetta bhala veritiera l-affirmazzjoni ta' l-attur li dana, bhala engineer, fid-dinja tal-lum, mhux kapaci jaqla' bizzejjed sabiex jahllas il-manteniment ta' LM290 fix-xahar li huwa kien accetta li jhallas u li kien iffirma ghalih fil-kuntratt ta' separazzjoni. Zgur li dana ghandu kemm il-potenzjal kif ukoll il-kapacita' biex bix-xoghol tieghu huwa, <u>jekk verament irid</u>, jippercepixxi introitu sufficjenti biex ihallas dan il-manteniment, u zgur li dan mhux kaz ta' nemo impossibilita nemo tenetur; izda fil-fehma tal-Qorti huwa piuttost il-kaz li l-attur qed ihoss li l-manteniment ta'

[6] Fol.81

Lm290 huwa gholi; u issa qed jipprova jara kif jaghmel biex jirriducih.

Fil-kaz odjern ma jirrizultawx cirkostanzi daqshekk gravi jew eccezzjonali li jinnecessitaw il-varjazzjoni ta’ dak pattwit bejn il-partijiet u li llum huwa ligi fil-konfront ta’ xulxin. Hemm biss il-fattur li l-attur jidher li ma jridx jibqa’ jahdem hafna kif kien jaghmel fil-passat meta r-relazzjoni bejn il-konjugi kienet tajba, u konsegwentement huwa mpjega ruhu mas-socjeta’ Falzon Group [Hire and Transport Ltd.].

Jigi osservat li in mankanza ta’ dan ir-rekwizit ta’ l-impossibbilita’ [u mhux semplici diffikulta’] li jadempixxi l-obbligi kuntrattwali tieghu, it-talba attrici ma’ tistax treggi, anke jekk il-manteniment pattwit huwa piuttost generuz, tenut ukoll kont anke tal-kontenut tal-klawsola numru ghaxra [10]; ghax kif osservat il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza precitata “ … kemm-il darba l-ftehim ghadu fis-sehh u ma giex impunjat, hija tenuta li, sakemm ma jkunx hemm xi raguni eccezzjonali, timxi mieghu ghaliex, wara kollox, dan kien jirrifletti l-hseib u x-xewqa tal-partijiet infushom. Jekk issa l-attur qed jiddispjacih dwar dak li dahal hu ghalih volontarjament, imputat sibi, u m’ ghandux jippretendi li l-Qorti tinjora jew tmur bil-kontra ta’ dak mifthiehem.”[7]

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li t-talbiet attrici mhumiex gustifikati la fil-fatt u lanqas fid-dritt u ma jimmeritawx li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talbiet numru wiehed [1], tnejn [2] u erba [4];  u tastjeni milli tieku konjizzjoni tat-tielet talba stante li din giet ceduta fil-mori. L-ispejjez ikunu a kariku ta’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

[7] Ibid

---------------------------------TMIEM---------------------------------